**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 2 KONTINWAZZJONI 1 – L-ERBGĦA, 24 TA’ APRIL 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | | |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| Skużati | | |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |

**1 Punti li joħorġu mill-minuti affarjiet oħra**

1.1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippreżenta talba mill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem rigward l-attività li għandha ssir fil-Ġnien Patri Leopoldo Tabone fit-8 u 9 ta' Ġunju. Kien hemm qbil li din l-attività ssir konġunta mal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jieħu sehem fil-loġistika ta' din l-attività u tal-mobile toilets.

1.1.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumpanija TCTC ser tisponsorja l-korsijiet tal-IKIDS dan is-sajf. Il-Kunsill għandu biss jħallas għal distribuzzjoni tal-materjal promozjonali.

1.1.3 Kien hemm qbil li l-kontijiet pendenti li hemm mal-kumpanijia Dimbros jitħallsu peress li x-xogħol sar.

1.2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis, 2 ta' Mejju hija l-10 anniversarju tad-Day Centre u ser ikun hemm attività organizzata mill-istess anzjani. Hemm ukoll il-Ministru Coleiro Preca u persuni distinti oħra mistiedna għal din l-attività.

1.2.2 Saret diskussjoni rigward Jum San Ġwann. Ġie deċiż li fil-21 ta' Ġunju għandu jsir kunċert fi Triq il-Kappella mill-grupp Sirka Rock, fit-22 ta’ Ġunju għandu jsir Sports Day fil-ground tal-football, u fit-23 ta’ Ġunju għandha ssir il-Quddiesa, il-Ħuġġieġa u Mertu San Ġwann. Kien hemm qbil li din is-sena

Mertu San Ġwann għandu jingħata lis-Sur Ludvic Zrinzo u lis-Sur Kevin Cassar.

1.3.1 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li għandu jerġa' jibda l-Crafts Club fil-Kunsill. Il-Kunsill m'għandux joħroġ spejjeż għal dan. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li ssir after school help lit-tfal tal-iskola minn għalliema, fuq bażi voluntarju fil-Kunsill.

1.3.2 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, problema li hemm fil-librerija tal-kunsill rigward susa. Għandhom jintremew il-kotba li huma nfettati u għandha ssir site visit biex jiġi determinat x'għandu jsir.

1.3.3 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat ukoll fuq sewqan b'velocità qawwija fi Triq il-Battaljun u fi Triq il-Mensija, kif ukoll rigward is-central strip fi Triq Santa Margerita, iz-zebra crossing fi Triq il-Mensija u għandha tintbagħat reminder rigward it-tindif tal-Cart Ruts.

1.4.1 Is-Sinjura Rita Saliba lmentat rigward sewqan b'velocità qawwi dawk li joħorġu mill-Lidl. Għandu jsir kuntatt mal-Lidl biex isir xi traffic calming hemm.

1.4.2 Is-Sinjura Rita Saliba ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bankini imkissrin fi Triq Massabielle, Triq il-Kapuċċini u Triq in-Naxxar. Hemm bżonn ukoll bank fi Vjal in-Naspli. Dan il-bank kien tneħħa xi żmien qabel, u għandu jiġi vverifikat għal fejn kien tneħħa l-ewwel darba. Kien hemm qbil li mhemmx oġġezzjoni jekk il-posta fi Triq il-Mensija japplikaw għal un/loading. Kien hemm qbil li jinġabru stimi għal street lighting solar powered għal Triq taż-Żwejt minħabba li hemm spiża ta' 'l fuq minn 4000 Ewro jekk din issir normali.

1.5.1 Is-Sur Michail Micallef spejga l-proġett tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Hu ppropona li ssir attività tal-8 ball pool competition li tkun fuq bazi nazzjonali. Kien hemm qbil fil-prinċipju. Hu nforma wkoll li għandu jsir programm għall-lezzjonijiet tal-għawm li l-Kunsill kien approva fondi mill-iskema għall-attivitajiet sportivi.

1.6.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jinbidel il-bus stop li hemm fi Triq il-Kappella. Għandu jsir kuntatt mal-Kumpanija Faces li jieħdu ħsieb dawn. Kien hemm ukoll qbil unanimu fuq stimi ta' tiswija fuq ċnut u fil-ġonna skont ir-rapport tal-MCCAA.

## 2 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm. Kien hemm qbil li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |